MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 605/2013

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Egbo Tunde (K.I. 60993A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u ghoxrin ewro hamsa u ghoxrin centezmu (€1,020.25), skont il-ftehim u l-prospett hawn annessi u mmarkati Dok A u B, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni, u cioe' dak tat-telefon, televizjoni u internet, kont numru A/C40177571, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz:

Dok A – Ftehim

Dok B – Prospett

Dok C – Estratt Registru Elettorali l-aktar recenti

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-14 ta' Mejju, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghhu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf u ghoxrin ewro hamsa u ghoxrin centezmu (€1,020.25) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------